**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin biss bħala gwida għall-eżaminaturi u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## It-televiżjoni għadha popolari f'Malta

- Minkejja l-impressjoni li għandhom għadd ta' żgħażagħ, it-televiżjoni għadha mezz popolari ta' komunikazzjoni tal-massa.
- Fattur ieħor importanti huwa li d-dinja tat-televiżjoni qed tinbidel u anki kif tilħaq lin-nies, għax it-televiżjoni daħlet ukoll fl-isfera tal-internet.
- Studju li xxandar fil-bidu tal-2016 wara stħarriġ mifrux wera li f'Malta t-televiżjoni hija l-aktar mezz segwit kuljum, anki permezz ta' mezzi bħat-tablets.
- L-istħarriġ sab li 73% tal-Maltin jaraw it-televiżjoni kuljum.
- Fl-istess ħin, l-istudju kkonferma l-impressjoni ġenerali li ħafna iktar nies qed isegwu dak li qed jiġri f'Malta u barra permezz tal-internet.
- Waqt li 54% tal-Maltin jużaw l-internet kuljum, il-persentaġġ jitla' għal 96% fost dawk li huma taħt l-24 sena.
- 53% tal-Maltin jisimgħu r-radju kuljum.
- Inqas minn 11% tal-Maltin jaraw il-gazzetti stampati kuljum: dawn jinqraw l-iżjed minn dawk li għalqu l-50 sena.
- L-aktar programm li jaraw il-Maltin fuq it-televiżjoni huwa l-aħbarijiet.
- Fenomenu importanti ieħor marbut mat-televiżjoni huwa dak tas-sensiliet tad-drama bil-Malti, li jarawhom 35% kuljum.
- Fejn tidħol it-televiżjoni, l-istħarriġ sab li l-inqas li jfittxu n-nies huma l-programmi reliġjużi, li jarawhom 0.4% tat-telespettaturi.
- Fenomenu ieħor importanti huwa l-fatt li tista' tara t-televiżjoni permezz tal-internet. Tista' tara dak li qed jixxandar b'mod dirett u tista' wkoll tara dak li jkun diġà xxandar, normalment sa ġimgħa wara li jkun ixxandar.
- B'dan il-mod jiltaqgħu ż-żewġ dinjiet tat-televiżjoni u tal-internet, tal-kbar u taż-żgħar.
- Wieħed mill-vantaġġi l-kbar tal-internet bħala mezz ta' informazzjoni u divertiment huwa li għandek iktar libertà biex tagħżel dak li trid tara u meta tarah.

**350,000 vettura fil-gżejjer Maltin**

- Fl-aħħar tliet xhur tal-2015, l-ammont ta’ vetturi fit-toroq Maltin kompla jiżdied. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika qal li fl-aħħar kwart tas-sena, il-vetturi żdiedu b’0.7% fuq it-tliet xhur ta’ qabel. X'taħseb li huma r-raġunijiet għal din iż-żieda ma taqta' xejn fl-għadd tal-karozzi u vetturi oħra fit-toroq Maltin?
- L-istatistika turi li, f'inqas minn tliet snin, l-ammont ta’ vetturi liċenzjati fil-pajjiż żdied b’31,043 jew kważi 10%.
- Fl-aħħar tal-2015, f'Malta kien hawn total ta’ 346,918-il vettura. Meta tqis li l-popolazzjoni ta' Malta hija ta' madwar 450,000 ruħ, taħseb li dan huwa numru ta' vetturi kbir wisq?
- 80% tal-vetturi li għandna f'Malta huma karozzi tal-passiġġieri, 13.7% huma vetturi kummerċjali u 5.8% muturi.
- Ix-xarabanks u l-minibuses flimkien huma inqas minn 1% tal-vetturi kollha liċenzjati f’Malta. Tissorprendik din l-istatistika? X'tikkummenta fuqha?
- X'taħseb dwar l-età minima għas-sewqan? 18-il sena hija età baxxa jew għolja wisq?
- Taħseb li ż-żgħażagħ għandhom jibdew isuqu ta' sbatax jew sittax? Jew ta' 21 sena?
- Taħseb li tista' tidħol liġi li tħalli liż-żgħażagħ jibdew isuqu muturi żgħar ta' 16-il sena, biex tonqos l-enfasi fuq il-karozzi bħala mezz ta' trasport?
- 60.6% tal-vetturi kollha liċenzjati f’Malta għandhom magna petrol u 39% għandhom magna diesel.
- Fl-aħħar kwart tal-2015, ħarġu 3,103 liċenzja għal vetturi użati, u 2,343 għal vetturi ġodda. Taqbel li l-pajjiż għandu jibqa' jixtri numru daqshekk kbir (aktar min-nofs) ta' karozzi li f'pajjiżi oħrajn diġà jkunu ilhom ftit snin fit-triq?
- Fl-istess ħin, fl-aħħar tliet xhur tal-2015 intremew 2,139 vettura.
- L-użu tar-rota – mezz nadif ta' eżerċizzju, u rħis.  Forsi aħna għażżenin wisq? Il-pubbliku huwa edukat għaċ-ċikliżmu? Fl-iskejjel jistimulaw l-użu tar-rota permezz ta' ħarġiet u kompetizzjonijiet? Il-kunsilli lokali jistgħu jgħinu?

***aqleb wara***

## Id-djar tal-anzjani

- Ġieli żort dar tal-anzjani? X'impressjoni ħadt tal-ambjent li jgħixu fih ir-residenti?
- X'jistgħu jkunu r-raġunijiet għala l-anzjani jmorru joqogħdu f'dar apposta għalihom?
- Għalik l-anzjanità meta tibda? Il-Kartanzjan teħodha meta tagħlaq is-60 sena. Taħseb li din l-età tirrifletti l-anzjanità, jew l-anzjani huma ikbar fl-età minn hekk?
- Id-differenza bejn il-kelmiet "anzjani" u "xjuħ".
- Taqbel li l-Gvern ċentrali jew il-gvernijiet lokali għandhom jorganizzaw korsijiet dwar l-anzjanità għal dawk li jkunu se jirtiraw mix-xogħol?
- Jew taħseb li dawn in-nies m'għandhomx bżonn min jgħallimhom jgħixu ħajjithom?
- Hemm min isostni li llum teżisti relazzjoni iktar diffiċli bejn is-soċjetà moderna u l-anzjani. Taħseb li għandna inqas żmien u inqas spazju għall-anzjani?
- Kemm il-Gvern kif ukoll is-settur privat qed jinvestu flejjes u riżorsi kbar fid-djar tal-anzjani. Għaliex?
- Ir-residenzi tal-anzjani saru negozju importanti.
- Wieħed mill-iktar żviluppi reċenti huwa l-ftuħ ta' "villaġġ" għall-anzjani. X'opportunitajiet ta' xogħol u karrieri joffru r-residenzi għall-anzjani? X'tip ta' servizzi joffru?
- Hemm il-vantaġġ li nies professjonali u speċjalizzati jieħdu ħsieb l-anzjani.
- Id-djar tal-anzjani joffru kumpanija għal dawk l-anzjani li jkunu qed jgħixu waħedhom.
- Imma hemm nuqqas ta' privatezza.
- Biex ikollhom post f'dar tal-anzjani, ir-residenti jew il-familji tagħhom iridu jkunu jifilħu jħallsu. Min m'għandux pensjoni xierqa, x'jagħmel jekk ma jkunx jista' jibqa' jgħix waħdu u ma jkollux fejn imur joqgħod?
- Vantaġġi u żvantaġġi ta' anzjani li jibqgħu jgħixu fil-familja.
- Hemm għadd ta' ħaddiema fil-qasam tal-kura tax-xjuħ li ma jafux bil-Malti. Dan sewwa? Xi jrid isir?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# It-televiżjoni għadha popolari f'Malta

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# 350,000 vettura fil-gżejjer Maltin

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-djar tal-anzjani

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 30 ta' Awwissu 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Il-logħob tal-ażżard
2. Id-daqna
3. Il-ħajja wara l-mewt
4. Id-dinja tax-xogħol wara l-bank tal-iskola
5. Il-ħajja privata tal-persunaġġi pubbliċi

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Stħarreġ il-kawżi u t-tipi tal-bidliet semantiċi fil-Malti.
2. Għala ngħidu li l-Malti lsien imħallat?
3. Ikteb fid-dettall dwar mhux inqas minn erba' mekkaniżmi morfoloġiċi tal-Malti.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Ir-relazzjonijiet umani rrakkontati fil-poeżiji Maltin kultant huma diffiċli daqs l-esperjenza tas-solitudni. Iddiskuti.

2. Il-poeti Maltin sikwit jinqdew b'lingwaġġ reliġjuż biex jitkellmu dwar il-ħolqien. Ikkummenta.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Skont Oliver Friggieri, l-iżjed ambjentazzjoni vera ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* "mhix fiżika, jew pajsaġġistika jew soċjali, iżda psikoloġika." Ikteb dwar din l-ambjentazzjoni psikoloġika fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer.

2. Kemm hu minnu li l-allegorija tal-għar ta' Platun fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer hi xbieha tal-qagħda spiritwali ta' Leli?

3. Fl-ewwel att tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Tereża tinkoraġġixxi lix-xwejjaħ Menz biex jagħmel bħalha u jaddatta ruħu għas-soċjetà ta' madwaru: "Ejja, agħmel bħali, ejja miegħi, imxi b'passi t'oħrajn, aħseb b'moħħ ħaddieħor, b'moħħ il-maġġoranza, u ma jiġrilek xejn." Taħseb li Menz jimxi mal-parir tagħha? U taħseb li Tereża stess tbiddel il-fehma tagħha matul id-dramm?

4. *Menz* ta' Francis Ebejer huwa dramm li joħloq sitwazzjoni partikulari li donnha mhix reali, iżda li fil-fatt hija dejjem attwali. Iddiskuti.